# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

## MINUTI

Laqgħa b'URĠENZA tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 20

Data tal-laqgħa: 29 ta' Mejju, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ħamis 29 ta' Mejju 2025 fis-6.35p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Mariah Meli |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Christopher Fenech<br>Helen Gauci<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fis-6:35p.m. billi ntqalet it-talba.

## 20/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

**20/01/10** Is-Sa Meli tenniet li jekk kien hemm xi punti sabiex jiġu diskussa dwar dan is-suġġet kellu jsir issa u b'hekk kulħadd ikompli bil-ħidma tiegħu fejn qed diversi skemi li jridu jsiru u dan ix-xogħol irid jibqa għaddej, kemm għal gid tal-lokalità kif ukoll għar-residenti.

**20/01/11** Is-Sa Gauci qalet li m'għandha bżonn l-ebda dekasteri peress li hi dejjem ħadmet għal ġid tar-residenti kollha u dawn mhux ser jgħamlu differenza.

## 20/02 Ħruġ ta' Kuntratti

**20/02/01** Is-Sindku, is-Sa Meli, infurmat kif din il-laqgħa b'urġenza kienet ġiet imsejħa sabiex ikun hemm l-informazzjoni u tinħareġ sejħa għal servizz ta' Perit u Avukat u għal din ir-raġuni, talbet lid-DSE sabiex tispjega l-proċess involut sabiex ikunu jistgħu jinħarġu dawn is-sejħiet.

**20/02/02** Id-DSE spjegat kif ser tinħareġ talba għal kwotazzjoni sabiex dan is-servizz jingħata lill-Kunsill Lokali ta' Ħal Għargħur għal perjodu ta' sena u l-ammont ma jkunx jistà jaqbeż l-ammont ta' €5,000.00.

**20/02/03** Is-Sa Attard staqsiet jekk dawn iż-żewġ kuntratti humiex it-tnejn skaduti.

**20/02/04** Id-DSE infurmat li l-kuntratt ta' l-avukat kien żgur skadut pero għandha tivverifika dwar il-kuntratt tal-Perit.

**20/02/05** Is-Sa Meli infurma li jekk ma jkunx hemm kuntratti, il-Kunsill ser ikun qed jipproċedi dwar dan.

**20/02/06** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti dwar dan.

**20/02/07** Is-Sa Meli ressqet fuq il-mejda kopja tal-kuntratt li ġie propost mill-Cleansing Services Department sabiex il-Kunsill ikun jistà jgħamel użu minn dan is-servizz. Hi żiedet tgħid kif, fil-preżent, il-kuntratt li dan il-Kunsill kellu fuq l-kenniesa kien skada fis-sena preċedenti u meta wieħed jara kemm hi l-allokazzjoni tal-Kunsill għal dan is-servizz u mqabla ma l-ispiża li l-Kunsill qed tiġi tiswieħ sabiex jgħamel użu minn dan is-servizz, kienet taqbeż is-€60,000 fis-sena. Hi spjegat kif dan irid jiġi rregolat u kif il-Gvern Ċentrali qiegħed joffri s-servizz tal-knis flimkien mal-makkinarji matul il-ġimgħa mis-7 ta' filgħodu sas-2 ta' wara nofsinhar u s-Sibtijiet mis-7 ta' filgħodu sa nofsinhar. Hi spjegat kif fil-preżenti, nhar ta' Sibt il-Kunsill m'għandhux ħaddiema. Danis-servizz ser ikollu mhux biss knis, imma anke qtuħ tal-ħaxix, ġbir ta' l-iskart mill-bins li huma madwar il-lokalità, illegal dumping.

**20/02/08** Is-Sa Meli kompliet tispjega kif l-ispejjeż sabiex ikun hemm kuntratt mal-CSD tkun l-allokazzjoni relatata ma' dan is-servizz tal-Kunsill Lokali u mhux ser tmur oltre minn dak li hemm. Hi spjegat ukoll li jekk il-Kunsill joħroġ sejħa ġdida, kif diġa qedha fil-preżent, il-prezz ser jkun wieħed għoli. Hi spjegat ukoll li hemm ukoll numru bħala helpline sabiex wieħed iċempel u jinnotifika jekk ikun hemm xi annimal mejjet fit-Triq.

**20/02/09** Is-Sa Gauci staqsiet jekk dan il-kuntratt kienx diġa ġie iffirmat.

**20/02/10** Is-Sa Meli spjegat li dan kien intbagħat lill-Kunsilliera permess ta' emejl sabiex dan jiġi mressaq għal din il-laqgħa u jiġi diskuss u kif ma kien hemm xejn iffirmat s'issa u fetħet id-diskussjoni.

**20/02/11** Is-Sa Marilena Hassan staqsiet fejn il-ħaddiema ser ikunu qed jirrapurtaw għax-xogħol meta l-uffiċċju tal-Kunsill ma jkunx għadu fetaħ.

**20/02/12** Is-Sa Meli spjegat li jekk ikun hemm bżonn hi kienet lesta li tkun preżenti kmieni filgħodu biex tiftaħ il-Kunsill. Hi spjegat ukoll kif fis-7:30am l-uffiċċju tal-kunsill ikun miftuħ mill-ħaddiema u m'għandhux għax ikun hemm problemi.

**20/02/13** Is-Sa Gauci qalet kif l-unika ħaġa li l-Kunsill kellu fir-responsabilità tiegħu ser tkun qed tingħata lil Gvern. Hi spjegat li bħala Kunsill għandu jiġġieled sabiex ikollu aktar allokazzjoni.

**20/02/14** Is-Sa Hassan żiedet tgħid li jekk jiġi ffirmat dan il-kuntratt, il-Kunsill mhu ser ikun xejn ħlief biex ikun ta' *Customercare* lir-residenti u l-poteri kollha li għandu l-Kunsill ser imorru għand il-Gvern Ċentrali.

**20/02/15** Is-Sa Meli qalet kif il-Gvern Ċentrali kien għamel investiment u bħala Kunsill ma jistax jibqa juża servizz li jkompli jħaffer il-ħofra ta' dejn li għandu billi tinżamm l-awtonomija.

**20/02/16** Is-Sa Gauci qalet li d-dejn li għandu l-Kunsill huwa riżultat ta' allokazzjoni li ma tirrfilettix l-ammont li għandu bżonn l-Kunsill sabiex ikun jistà jmexxi.

**20/02/17** Is-Sa Meli qalet li d-dejn seta sar ukoll minn nefqiet li ma kellhomx isiru.

**20/02/18** Is-Sa Gauci talbet lill-Kunsill jgħid x'nefqiet kienu saru għalxejn.

**20/02/19** Is-Sa Meli qalet li dwar dan ser ikun hemm tweġibha għaliha wara li jkun sar l-awditjar.

**20/02/20** Is-Sa Gauci talbet kjarifika jekk il-Kunsill hux ser ikun qed iħallas għal dan is-servizz b'sena bill-quddiem. Hi qalet li taf b'kuntratti li diġa hemm ma Kunsill Lokali oħra li dawn jitħalsu b'xahar lura u mhux b'sena bil-quddiem.

**20/02/21** Is-Sa Meli qalet li dawn il-punti mqajma ser jiġu vverifikati mal-CSD sabiex dan il-Kunsill jipproċedi l-istess mod.

**20/02/22** Is-Sa Marilena Hassan u s-Sa Helen Gauci insistew li l-Kunsill għandu jgħamel pressjoni biex l-allokazzjoni tiżdied b'tali mod li tirrifletti l-bżonnijiet li għandu l-Kunsill. Is-Sa Gauci qalet ukoll li l-President tal-Assoċċjazzjoni, is-Sur Mario Fava, kien tkellem diversi drabi sabiex il-Kunsilli ma jidħlux f'dan il-kuntratt.

**20/02/23** Is-Sa Meli qalet kif l-allokazzjoni dwar dan m'għandhiex għalfejn tiżdied ġaladarba il-Gvern Ċentrali qed jgħamel investiment u s-servizz ser ikun xorta skond il-ħtiega mill-Kunsill Lokali.

**20/02/24** is-Sa Gauci insistiet li dan il-Gvern qed iġib lill-Kunsilli Lokali *Customercare* biss.

**20/02/24** Is-Sa Meli qalet li fil-Kunsill ħadd m'għandu jitkellem partiġjanal imma sabiex kollettivament kulħadd jaħdem għall-lokal.

**20/02/25** Is-Sa Gauci qablet mas-Sa Meli li huma qedin hemm biex jirrappreżentaw il-lokal.

## 20/03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**20/03/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:47p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar l-Erbgħa 11 ta' Ġunju 2025 fil-5:30p.m.

**Mariah Meli**
**Sindku**

**Jeanette Galea**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**